# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 52/K9/23

Data tal-laqgħa: 28 ta' Marzu 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Victor Vella – Sindku
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Martin John Sultana - Kunsillier
Rita Dimech Portelli -Kunsilliera
Sean Gauci - Kunsiller

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Clayton Luke Mula – Vici Sindku (Inc No. 40334/23)
John Agius – Kunsillier (Inc No.      /23)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech – Skrivana
Is-Sur Pierre Montebello – Chief Officer ta' Transport Malta
Is-Sur David Mallia – Konsullent legali estern tal-kumpanija Bolt
Is-Sur Kristian Kobescak – rappreżentant tal-kumpanija Bolt
Is-sur Roberto Pestana – rappreżentant tal-kumanija Birds

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

52.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsillier John Agius talbu li jiġu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

52.1.02 Ġie deċiż li ssir sospensjoni ta' l-aġenda sabiex titkompla d-diskussjoni dwar l-escooters mar-rappreżentanti preżenti.

**Diskussjoni dwar eScotters;**

Ir-rappreżentanti iltaqgħu biex il-problema ta' l-escooters jagħmluha iktar faċli. Huma sabu 102 'parking spots' madwar San Ġiljan. Il-konsulent legali tal-kumpanija Bolt, is-sur David Mallia stqarr li l-kumpanija Bolt iduru mal-lokal biex isibu l-aħjar postijiet għal-parkeġġ ta' l-escooters mingħajr ma jieħdu post mill-parkeġġ eżistenti. Biex dan jista' jiġi ikkontrollat jissuġerixxu li jsir toll, li kif toħroġ mill-lokal jitnaqqsu l-flus mill-karta ta' kreditu ta' dik il-persuna li tkun għamlet użu l-aħħar bl-escooter, bħal ma diġa jsir fil-lokalita' ta' San Ġwann.

Il-Kunsillier Sean Gauci qajjem il-punt li San Ġwann u San Ġiljan huma lokalitajiet differenti u ma nistgħux nagħmlu 'copy u paste' tas-sistema speċjalment fis-sajf.

Il-kumpanija Bolt li ġiet irrappreżentata mis-Sur Kristian Kobescak ser ikun qed jibgħat imejl (lill-kunsilliera individwalment għax huwa biss jista' jxerred din l-informazzjoni dment li huwa s-sid assolut ta' dawn id-dokumenti) b'mappa mmarkata u bir-ritratti fejn qegħdin jissuġġerixxu li jipparkjaw l-escooters. Il-kumpaniji preżenti għal din il-laqgħa qegħdin jaħdmu b'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet kollha nkluż il-Ministeru ta' Transport speċjalment minħabba sigurta'.

Kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti, is-Sur Pierre Montebello għadu qed jistenna risposta mingħand Transport Malta rigward it-twaħħil tat-tabelli ta' dawn l-istess escooters. Transport Malta issuġġerixxew li dan il-proċess tal-parkeġġ isir bil-fażijiet.

Is-Sur David Mallia qal biex ma nagħmlux l-iżball li niffokaw biss fuq il-promenade.

Din id-diskussjoni spiċċat għal-ħabta ta' 5.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera Adrian Dominic Ellul u Martin Sultana ħarġu mill-laqgħa fil-5.30 ta' filgħaxija.

**52.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

52.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 51/K9/23 għall-approvazzjoni.

52.2.02 Il-Ċermen talab li ssir korrezzjoni ta' item 51.5, ir-raba' punt, dwar l- impjegata li bħalissa tinsab fuq 'career break'. Huwa qal li dment li din għadha impjegata tal-Kunsill importanti li tissemma' b'isimha bħalha s-Sinjura Mandy Zammit.

52.2.03 Referenza għal-istess item 51.5, ir-raba' punt, iċ-Ċermen qal li fil-laqgħa preċedenti ntqal ukoll li minħabba li l-vot jekk l-impjegati jingħatawx il-performance bonus irriżulta li astjenew għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jispjegalna aħjar x'irid isir f'din is-sitwazzjoni.

52.2.04 Wara li saru dawn il-korrezzjonijiet, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

52.2.05 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondaha.

52.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**52.5 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

- St. Patricks – il-Kunsill għamel ħiltu biex jgħin lir-residenti u jidher li kollox mexa b'wiċċ il-ġid. Il-Kunsillier Victor Vella irringrazzja lill-istaff kollu ta' l-għajnuna tiegħu.
- Il-Proġett ta' Villa Rosa – ir-rapport ta' l-ERA irid jiġi sottomess u diskuss mal-periti.
- Il-Ġemellaġġ ma' l-Estonia – xtaq ikun jaf l-ammont ta' nies li marru biex inkunu nistgħu nġibu l-istess ammont. Ser ikun ukoll qed ikellem lill-Ambaxxaturi. Filwaqt li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, Cher Carmen Fenech saħħqet fuq il-problema finanzjarja li l-Kunsill għandu.
- Il-Kunsilliera Patricia Camilleri u l-Kunsillier Sean Gauci telqu mil-laqgħa fis-5.50p.m.

- Id-Deputat Segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill jinsab bla quorum. Għaldaqstant il-laqħa ma setatx titkompla.

- Il-laqgħa ntemmet fis-6 ta' filgħaxija.

- F'dan l-istadju minħabba li ma kienx hemm quorum id-data għal-laqgħa li jmiss ma setatx tiġi diskussa.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 18 ta' April 2023